**KUNSILL LOKALI** SLIEMA **LOCAL COUNCIL**

**Depiro Street, Sliema SLM 04**

**Tel: 21 33 76 33 Fax: 21 34 53 33**

Ref: Seduta 5#19/07/06/V

# MINUTI TAL-HAMES SEDUTA

**Il-Hames Seduta** tal-Hames Kunsill Lokali ta' Sliema nzammet nhar **l-Erbgha 19 ta' Lulju 2006**, fl-Ufficcji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

Prezenti:
Is-Sindku : Marina Arrigo
Il-Vici Sindku : Albert Bonello Dupuis

Kunsilliera : Margaret Azzopardi
Michael Briguglio
Martin Debono
Nikki Dimech
Julian Galea
Luke Vella

Assenti skuzata:
Marianne Aquilina.

Is-Seduta bdiet fl-4.00p.m. minflok fl-4.30pm. wara ftehim mal-Kunsilliera b'din l-Agenda.

**AGENDA**

1. Qari u Approvazzjoni ta'Minuti.
2. Materji konessi mal-Minuti.
3. Komunikazzjonijiet (korrispondenza u hlas ta'pagamenti).
4. Komunikazzjonijiet/mistoqsijiet lis-Sindku/ Segretarju Ezekuttiv.
5. Parkegg ghar-residenti.
6. Offerta ghall-iskart domestiku.
7. Permessi ghall-krejns f'Awwissu.
8. Affarijiet ohra jekk urgenti.

Fil-bidu tas-seduta saret talba mis-Segretarju Ezekuttiv.

**1.Qari u approvazzjoni ta'Minuti**

1.1 Il-Minuti ta' l-ahhar Seduta gew mehuda bhala moqrija u gew approvati. Wara l-Minuti gew iffirmati mis-Sindku s-Sinjura M.Arrigo.

**2. Materji konessi mal-Minuti**

2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur L.Bartolo informa lil Kunsill li l-frame tal-hadid tal-Cats Cafe' kien lest u ttiehed il-Bim ghall-galvanizing.

2.2. Rigward it-tabelli li kellhom jitwahhlu fuq il-promenade dwar il-hinijiet ta' l-uzu ta' bycicles f'dan il-post, is-Segretarju Ezekuttiv informa lill Kunsill li kien illegali li jitwahhlu dawk l-avvizi billi kienx permess li wiehed jzuq il-bycicles fuq promenades, bankini etc. kif stipulat fl-Avviz Legali. Fil-fatt huwa kien informa lill Awtorita' dwar it-Trasport biex qabel ma jsir xoghol fuq il-*bycicle lane* jigi alterat l-Avviz Legali. Il-kunsillier M.Briguglio qal li jkun tajjeb li tinkiteb xi haga fuq hekk fil-magazine.

2.3 Il-Kunsillier M.Debono staqsa jekk id-dipartiment tal-artijiet kienx irrisponda ghat-talba taghna dwar l-ispazju li qeghdin jokkupaw il-gabbani li ghandna fuq il-promenade u f'Ghar d-Dud. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil-Kunsill li kien kiteb lill dan id-dipartiment u ghadhom ma rrispondewx.

2.4 Is-Sindku s-Sinjura M. Arrigo tat rapport tal-laqgha li kienet saret fil-Parlament it-Tlieta 18 ta' Lulju fis-7.00p.m. fejn kienu prezenti il-Kunsilliera kollha barra il-Vici Sindku A.Bonello Dupuis u Il-Kunsilliera M.Aquilina li kienet msiefra. F'din il-laqgha li kienet wahda kordjali u pozittiva gie diskuss il-progett tal-*Car Park* ta'Qui Si-Sana. Intqal li hadd ma jaqbel mal-*Commercial outlets* li kien hemm proposti, kif ukoll kien mehtieg li jkun car li ma jkunx jista jsir 'Bdil ta' uzu' il quddiem. Kellha tinghata attenzjoni li l-gholi tal-carpark jkun wiehed li ma jkunx jista' jinbidel ghall xi uzu iehor. Issemma l-*Kiosk* fil-gnien propost. Dan ghalkemm kellu jkun wiehed zghir seta' jghin biex jitnaqqas il-vandalizmu u tajjeb bhala mezz ta' sigurta'. Kien hemm suggeriment li biex dan il-*kiosk* ma jikbirx seta' jkun mdawwar permezz ta' *soft areas.* Il-Prim Ministru qal li hemm zewg argumenti validi, wiehed favur u wiehed kontra, dwar jekk ghandux ikun hemm Kiosk fil-gnien. Il-Prim Ministru kellu jikkonsulta ruhu mal-Kabinett u mal-Parlament biex jsir il-bdil neccessarju fid-development brief biex il-progett tal-Carpark jkun kemm jista' jkun milqugh minn kulhadd. Fl-istess laqgha mal-Prim Ministru l-Kunsillier M.Briguglio qajjem numru ta' argumenti kontra l-isvilupp ta' carpark f'dan il-post. Waqt li s-Sindku tat dan ir-rapport fil-Kamra kien prezenti ukoll rapprezentant ta' l-Assocjazzjoni tar-residenti ta' Qui si-Sana s-Sur Chris Dunkerly.

2.5 Il-Kunsillier M.Briguglio staqsa x'kien sar mill-pjanti tal-*iskate boarding area* hdejn it-Torri. S-segretarju Ezekuttiv qal li d-Dipartiment tax-xoghlijiet ried iktar taghrif tekniku dwar dan il-progett. Il-Kunsillier M.Briguglio kellu jghati dettalji tas-Sur Michael Demarco biex jghati dan it-taghrif.

**3. Korrispondenza u hlas ta'Pagamenti.**

3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pjanta tar-rampa li l-HSBC talbu li ssir quddiem l-ATM taghhom fix-Xatt. Il-Kunsill ried li din issir fil-propjeta' tal-Bank.

3.2 Inqrat talba minghand Glenn Bugeja responsabbli mill-kampanja 34U fejn informa lill kunsill li l-propjetarju tal-Iskola Inlingua kien se joffri 20 sigra bil-qsari tal-konkos ghall-Triq Dingli u 4 ghall-hdejn il-Plaza Complex. Fuq dawn il-qsari kien se jkun hemm l-arma tal-kumpanija. Il-Kunsill qabel li jithawwlu sigar taz-Zebbug u kellhom jkunu ikbar minn dawk murija waqt s-Seduta. Il-Kunsill seta' jghin biex dawn jkunu ftit ahjar. Il-Kunsilliera M.Azzopardi responsabbli mill-Ambjent kienet se tkellem lir-residenti biex dawn jsaqquhom.

3.3 Inqrat ittra mibghuta mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex il-Kunsill jghati rendikont tal-permessi tal-krejniet u l-hlas li thallas ghalihom wara s-7ta'April 2005. Din l-informazzjoni kellha tasal d-dipartiment sat-28 ta'Lulju 2006. Sadanitant id-dipartiment rega' wissa lill Kunsill li l-hlas mitlub mill-Kunsill kellu jkun kif stabbilt fl-Avviz Legali relatat. Il-Kunsill rega' ddiskuta din il-materja. Meta l-Ex-Sindku flimkien mal-Avukat kellhom laqghat mad-dipartiment kien hemm il-ftehim li jsiru diskussjonijiet biex dawn it-tariffi jigu rrangati ghaliex ma kienux jghamlu sens li wiehed jhallas Lm1 biex jaghlaq triq ghall-gurnata. Fuq din il-haga baqa' ma stema xejn. Kellha ssir laqgha mal-Avukat

tal-Kunsill biex jinghata parir kif se nkomplu nimxu. Il-Kunsillier L.Vella qal li qabel ma nghatu taghrif l-Avukat kellu jara dwar id-Data Protection Act. Waqt il-laqghat kii kienu saru mad-Dipartiment kienu prezenti ukoll il-Kunsillier L.Vella u s-Segretarju Ezekuttiv.

3.4 Inqrat korrispondenza mressqa mill-Kunsilliera M.Azzopardi dwar xiri ta' *Doggy Bags* biex jitqassmu lill dawk li johrogu l-klieb jhammgu barra. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

3.5 Ittra u pjanti tal-Perit Grixti Soler biex il-krejn li nhareg il-permess ghalih fi Triq Tigne jitpogga mac-*Central Strip* flok in-naha tal-bini ma gietx milqugha. Billi kien hemm kaz pendenti fil-Qorti biex dan il-krejn ma jithalliex fejn kien, gie deciz li nkellmu lill Avukat tal-Kunsill biex jiltaqa' mal-Perit Grixti Soler u jiddiskutu flimkien din il-problema.

3.6 Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill kopja tar-Rapport Finanzjarju mahrug mill-Awditur Degorgio, Scerri & Co.kif ukoll *l-Ittra ta'Direzzjoni* tieghu. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li r-rapport tal-Awditur kien rega' qieghed jigi kwalifikat ghaliex il-Kumitat Kongunt ma kienx ta' r-Rapport Finanzjarju tieghu ghas-seba 2005/2006. Din il-haga kienet qed tigri kull sena u kien qed jidher ikrah il-Kunsill bla htija. Fir-risposta tal-*ittra tad-Direzzjoni* kellu jinghad dan.

3.7 Inqrat e-mail ta'Timothy Gambin biex il-Kunsill jitlob lill-MEPA u l-Awtorita' Marittima ghall-harsien *tal-Posidonia* li qeghdin jigu mhedda mill-irmigg illegali li qieghed jsir fl-ibhra tal-vicin. Kellna nitolbu iktar taghrif minghand s-Sur Timothy Gambin dwar dan.

3.8 Talba mill-Lifecycle Organisation biex tigi organizzata martatona ta' 4 sieghat bir-roti quddiem il-Lukanda Preluna f'risq Ir-Renal Unit ta' l-Isptar San Luqa, u l-ghoti ta' Organi. Il-Kunsill qabel li jinghata dan il-permess.

3.9 Talba mid-dipartiment ta' l-artijiet biex jinghata permess biex titkabbar il-bankina halli jinhargu mwejjed u siggijiet, quddiem Portopalo Restaurant, x-Xatt ta' Tigne giet approvata mill-Kunsill. Il-Kunsillier L.Vella astjiena.

3.10 Talba tas-Sur Silvio Cassar biex issir Sleeping Policeman fi Triq Sant. Anglu ma gietx accettata.

3.11 Inqrat ittra mibghuta mill-Kumitat tal-Banda San Girgor biex jsir Bar fi Gnien Indipendenza meta il-Kunsill jkollu l-attivitajiet tieghu. Il-Kunsill ma qabilx ma dan ghaliex il-post jrid jintuza bhala *dressing room* waqt diversi attivitajiet. Talba ohra biex issir *Lejla Maltija* fi Gnien Indipendenza bejn l-4 u s-6 ta'Awwissu 2006 giet accettata bil-patt li jinzammu il-kundizzjonijiet tas-soltu u d-daqq jieqaf kompletament fil-11.00p.m. u ghandu jingieb pulizija li jkun prezenti waqt l-attivita' u li jara li dawn il-kundizzjonijiet jinzammu. Diversi kunsilliera gibdu l-attenzjoni li twahhlet tabella tirreklama din il-*Lejla Maltija* li kien ikrah u ma kienx ta'livell ghall-fejn tpogga. Meta mistoqsi s-Segretarju wiegeb li dan tpogga bla permess. Il-Kunsill iddecieda li dan ghandu jitnehha u jsir iehor iktar pulit.

3.12 Talba ghall-*Parkegg Riservat* inghata lil Tereza Fenech Conti ta' 71 sena li toqghod ta' 17, Triq San Guzepp, tas-Sliema

Talba ghall-*Parkegg Riservat* ghall-Joseph Fenech Conti ta' 80 sena li joqghod f'17, Triq San Guzepp ma giex approvat.

Talba ghall-*Parkegg Riservat* ghall-Patrick Attard ta' 54 sena li joqghod 4, Victoria Flats, Victoria Junction, Sliema giet accettata u l-permess ghandu jinghata ghall-tlett xhur.

Talba ghall-*Parkegg riservat* ghall-Evelyn Dedomenico ta' 82 sena li toqghod 7, Triq Kent giet accettata u l-permess ghandu jinghata ghall-tlett xhur

3.13 Talba mill-Kunsill Nazzjonali tal-ktieb biex il-Kunsill jahtar rapprezentant tal-Kunsill biex jservi ta'kuntatt bejn il-Kunsill u l-Kunsill Nazzjonali. Il-Kunsill iddecieda li l-Kunsilliera responsabbli mill-Edukazzjoni tkun il-membru mitlub minn din l-ittra.

**Hlas ta'Pagamenti.**

3.14 Il-Kunsill approva l-Hlas ta'pagamenti li kien jkopri Cekk Nru.7806 sa Cekk Nru.7880. Wara il-lista ta'Pagamenti giet iffirmata minn zewg Kunsilliera.

## 4. Komunikazzjonijiet/Mistoqsijiet lis-Sindku/Segretarju Ezekuttiv.

4.1 Il-Kunsillier M.Briguglio qal li l-*gate* li kienet twahhlet hdejn il-Pebbles kien ghada hemm u kellha titnehha. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien kiteb lid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar dan imma ma kienx inghata risposta. Il-Kunsill qabel li jekk din ma titnehhiex kellhom inehhuha l-haddiema tal-Kunsill.

4.2 Il-Vici Sindku s-Sur A.Bonello Dupuis qal li fuq il-blat fejn qabel kien hemm il-Jumbo Lido kien hemm gabbana tal-gelati li kienet qed tithalla anke bil-lejl. Is-Segretarju Ezekuttiv irrisponda li veru kien qed jsir hekk pero' dalghodu din il-gabbana giet mressqa taht il-hajt fuq il-konkos u din trid titnehha kull filghaxija. Is-sid taghha ghandu permess ta' Hawker u ghalhekk ma tistax tnehhieh.

4.3 Il-Vici Sindku s-Sur A.Bonello Dupuis qal li fuq il-bejjiegha tal-Haxix fi triq Dingli ma kien sar xejn. Is-Sindku wiegbet li kellu jsir tibdil fl-Avviz Legali biex kollox jerga jigi ghan-normal.

4.4 Gie suggerit li ssir mera f'Victoria Junction hdejn l-ispizerija. Dwar ilment ta'parking bl-addocc li kien qed jsir fic-*Circu ta'Triq Dingli* hdejn l-Amigos kellna ninfurmaw lill-Pulizija dwar dan u anke lil Gwardjani lokali.

4.5 Gie suggerit li *l-Minuti u s-Schedule of Meetings* jibdew jintbghatu bl'e-mail lil min ghandu dan is-servizz. Il-Minuti xorta kienu se jintbghatu bl-idejn bhas-soltu.

4.6 Saret mistoqsija jekk Polidano kienx qieghed jhallas tal-Encroachment li kien ghamel flok il-Lukanda Adelide fi Triq it-Torri. Il-Kunsill kellu jitlob ukoll li jghamel tajjeb ghall-hsara li kienet saret fuq il-bankina u t-Traffic Lights.

4.7 Il-Kunsilliera M.Azzopardi xtaqet kopja tal-kuntratti tal-*knis fit-toroq*, u tal-*Gbir tal-Iskart Domestiku.*

4.8 Il-Kunsillier L.Vella qal li kellna nghamlu xi *Notice Board* pulit fl-ufficcju biex ma jibqghux jitwahhlu iktar karti mal-hgieg.

4.9 Il-Kunsillier M.Debono qal li fi Triq l-Arkata kellha issir rampa tal-konkos biex tilqa l-ilma li kien jinzel minn Triq Santa Liena u li kien qed jkun ta' nkonvenjent ghar-residenti li joqghodu hemm. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.10 Il-Kunsilliera M.Azzopardi qalet li waqt spezzjonijiet li kienet ghamlet kienet kellmet madwar 15 il-Kuntrattur fejn tkellmet maghhom dwar l-inkonvenjenzi li jistghu jinqalghu mar-residenti.

4.11 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li fuq l-iskal taht il-gabbana ta'Peppi kien hemm hafna mbarazz ta'karrijiet li qed jithallew wara li jitnizzlu d-daghajjes kif ukoll akkumulazzjoni ta'hmieg f'hafna rkejjen. Il-Kunsill qabel li jibghat ghal-Kumitat tal-*Ghaqda Sajjieda Sliema* biex jitkellem maghhom dwar kif ghandu jinzamm dan il-post.

4.12 Il-Kunsillier M.Briguglio qal li l-MEPA kienet ghamel konsultazzjoni dwar l-gholi tal-Bini. Din ma saritx mal-Kunsill dwar tas-Sliema. Ghalhekk gie deciz li tintalab laqgha mal-MEPA dwar dan is-suggett.

4.13 Il-Kunsillier M.Briguglio qal l-avvicinatu residenta barranija dwar jekk jistax jsir sotto-kumitat ghall-residenti barranin. Fil-Kunsill ghalkemm kien hemm opinjonijiet differenti ra li tista' tkun haga tajba u kellu jsir avviz fil-Magazine dwar dan.

4.14 Il-Kunsillier M.Briguglio qal li kellna nitolbu iktar taghrif dwar l-isvilupp li kien se jsir fi Triq Luzio. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.15 Il-Kunsillier M.Briguglio qal li tajjeb li jkollna bniedem tekniku biex jghati pariri lill Kunsill kif ukoll jghin fis-supervizzjoni ta' xi xogholijiet li jista' jkollna. Ghax-xoghlijiet fit-toroq il-Kunsill diga' kellu Project Manager u l-quddiem jista ukoll jitlob pariri ohra meta mehtieg.

4.16 il-Kunsillier M.Debono qal li jkun tajjeb li jsiru vizti tal-lokalita u f'dan il-hin wiehed jinnota il-htigijiet li jezistu fil-post. Tista' tinkera minibus u minn jrid mill-Kunsilliera jiehu sehem.

4.17 Dwar talba biex jsiru stands ghall-*parking tal-bycicles* f'postijiet prominenti. Dawn kienu se jsiru mill-Awtorita' dwar it-Trasport meta jsiru il *Bycicle lanes*.

**5. Parkegg ghar-Residenti.**

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qara korrispondenza mibghuta mill-Awtorita' tat-Trasport biex l-iskema tal-Parkegg ghar-residenti tibda ttithaddem bicca bicca f'Tas-Sliema. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta ghaliex tista tohloq problema ta'parkegg fejn ma tkunx ghada bdiet din is-sistema. Il-Kunsill kien qieghed jahdem fuq is-Surveys tat-Toroq, kif ukoll qieghed jahdem biex jgib stimi tat-tabelli u sinjali li jridu jsiru ma kullimkien biex mbaghad jinbeda l-progett kollu f'salt.

**6. Offerta ghall-Gbir ta' l-Iskart Domestiku.**

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil Kunsill li l-offerta ghall-gbir ta' l-iskart domestiku kienet se taghlaq f'Settembru 2006. Ghalhekk il-Kunsill iddecieda li johrog sejha ghall-offerti. Il-Kunsill idddecieda li l-gbir ghandu jibda jsir fl-10.00a.m. u jispicca sa nofs in-nhar kuljum. Ghandu jintalab prezz differenti ghall-gbir tal-*Iskart Domestiku biss* u prezz iehor ghall-gbir ta' *l-iskart Domestiku u Kummercjali f'salt.*

**7. Permessi ghall-Krejns f'Awissu.**

7.1 Il-Kunsill iddecieda li f'Awissu waqt li hafna mill-Kuntratturi jkunu bis-*shut down* jwaqqaf il-permessi ghal-krejns fit-toroq biex ir-residenti jkunu jistghu jistriehu ftit mill-inkonvenjenti li dawn joholqu. Il-Kunsill qabel unanimament li permessi ma ghandhomx jinghataw fil-gimgha ta'qabel u fil-gimgha ta' wara Santa Marija. Il-Kunsilliera M.Azzopardi qalet li l-quddiem il-Kunsill ghandu jzid dawn il-granet biex r-residenti jiehdu l-mistrieh li haqqhom.

**8. Affarijiet ohra Urgenti.**

8.1 Il-kunsillier N. Dimech qal li xtaq jitkellem fuq il-kontijiet pendenti li l-Kunsill kellu ma Polidano Bros. Huwa qal li matul l-ahhar gimgha kienet saret laqgha mal-Accountant tal-Kunsill s-Sur Chris Vella u l-Perit Anthony Bezzina dwar ir-rapporti li kienu qeghdin jsiru tax-xogholijiet hziena li saru fuq patching f'diversi toroq, tarmak u bankini fi Triq Rudolfu u Triq Ghar d-Dud. Dan barra xi diskrepanzi f'kontijiet ohra.

8.2 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq quddiem il-Kunsill envelopes issigillati li fihom kien hemm zewg rapporti pprezentati mill-Perit Anthony Bezzina fejn elenka fit-tul ix-xogholijiet li kienu saru l-uhud minnhom kienu difettuzi u riedu jinbidlu kif ukoll inghataw prezzijiet godda, kif ukoll dettalji ta' kif kien qed jsir dan Dok.A u B. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li meta l-Kunsill kellu periti li kif qalu huma stess fl-ittra taghhom kienu qeghdin jissorveljaw ix-xogholijiet kuljum, difetti bhall dawn mhux suppost qeghdin hemm u l-anqas kellhom jkunu mkejjla biex jithallsu mill-Kunsill. Il-Kontijiet orginali kienu iffirmati minn dawn il-Periti.

8.3 L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Chris Vella ressaq quddiem il-Kunsill rapport iehor dettaljat dwar varjazzjonijiet fil-hlasijiet skond dawn ir-rapporti u kontijiet li gew ndirizzati lil Kunsill imma li jridu jithallsu minn entitajiet ohra, barra hlasijiet mitluba li mhux suppost jintalbu skond l-offerta moghtija. Id-differenza fil-hlasijiet kienet ta' madwar Lm63,650.27. (Dok.C).

8.4 Il-Kunsillier M.Debono qal li dawn huma affarijiet serji u kien jehtieg zmien biex wiehed janalizzhom. Huwa ma setax jitkellem fuq rapport dettaljat waqt seduta tal-Kunsill ghaliex ried il-hin sewwa biex jistudja dawn r-rapporti. Il-Kunsill qabel ma dan u qal li bhala bniedem tekniku l-Perit Debono seta' jinghata kopja tar-rapporti biex huwa jkollu zmien bizzejjed janalizzhom u flimkien mal-Kunsill niddiskuthom fil-futur qarib.

8.5 Ghalkemm il-lista tal-kontijiet li baghat Polidano kienet tkopri mis-sena 2002 il-Kunsill iddecieda li jivverifika l-kontijiet minn Triq Mrabat il-quddiem.

8.6 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li xtaqet li din il-problema tinqata' darba ghall-dejjem, u naslu f'kompromess ma Polidano tas-somma li ghandu jiehu. Dan biex nkunu nistghu nibdew xogholijiet ohra.

8.7 Il-Vici Sindku s-Sur A. Bonello Dupuis qal huwa jhoss li dak li hu dovut lill Polidano ghandu jinghata lilu. Jekk ghamel xoghol hazin ma ghandux jithallas tieghu, nkella jirrangah. Huwa qal li meta kien qed jsir ix-xoghol fuq Triq Rudolfu huwa flimkien mal-Perit Spiteri, s-Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsillier M.Pace Ross kienu marru fuq il-post u gie miftiehem li l-ilma kellu jkun jaqleb lejn Triq Beresford u minflok gie jaqleb lejn in-nies bil-konsegwenza li meta taghmel x-xita il-parapetti tan-nies jintlew bl-ilma. Huwa kompla jghid li huwa kien nforma lill Perit Spiteri li l-Kunsill kien itterminalu l-Kuntratt u ma ktibnilux ghaliex kien ghadu qed jlesti x-xoghol ta' Triq Rudolfu.

8.8 Il-Kunsillier M.Briguglio qal li la l-Kunsill qabbad Perit li ghandu l-fiducja tieghu, Il-Kunsill ghandu joqghod fuq ir-rapporti li pprezenta. Huwa qal li ma jista' jaccetta qatt li jithallas xoghol li sar hazin.

8.9 Ghalhekk il-Kunsill iddecieda li ssir laqgha nformali nhar l-Erbgha 2 ta'Awissu fl-4.30 p.m. fl-Ufficcju tal-Kunsill fejn ghandhom jattendu s-Sindku u l-Kunsilliera kollha, s-Segretarju Ezekuttiv, l-Avukat tal-Kunsill Dr.Ivan Gatt, il-Perit Anthony Bezzina, u l-Accountant is-Sur Chris Vella biex jigu diskussi r-rapporti sottomessi u ssir diskussjoni dwarhom.

8.10 Sar kumment li l-bowzer li qieghed jipprovdi l-ilma lill-Lukanda Imperial kien qieghed jitla' fuq il-bankina u qed jghamel il-hsara. Dik il-bankina kienet ghada kif saret. Kellna ninfurmaw lis-Sid tal-Lukanda dwar dan.

8.11 Sinjali tat-traffiku li Polidano halla mwahhla f'Ghar d-Dud kellhom jitnehhew.

8.12 Dwar bejjiegh tal-Hut li kien hemm fi Triq Howard ridna naraw kellux permess li juza ukoll il-Van fit-Triq biex jbghih minnhu. Dan kien qed johloq ukoll nkonvenjent minhabba l-irwejjah.

8.13 Il-Kunsilliera M.Azzopardi qalet li kellna ninsistu mal-*Hospitality Outlets* biex dawn jzommu il-madwar taghhom nadif u jkollhom ukoll *dustbins* magemb il-postijiet taghhom.

8.14 Talba biex jsiru *Sleeping Policemen* fi Triq San Lawrenz u quddiem 98, Triq San Vincenz ma gietx accettata

Is-Sindku ghalqet is-Seduta fis-7.30p.m.

**Lino Bartolo**
**Segretarju Ezekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku.**